MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 331/2004

**Alcasons & Company Limited**
**Vs**
**Joseph Borg, Limelight Hotels Limited, Benelux Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet:

Premess illi l-konvenut Joseph Borg personalment kien inkariga lis-socjeta attrici sabiex taghmel xogholijiet ta' Laundry u Dry Cleaning fir-rigward tal-Lukandi Limelight Hotel u International Club Hotel;

U premess illi l-konvenuti, jew minn minnhom huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont ta' tnax-il elf sitt mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm12,624.94) liema somma hija dovuta ghal servizz ta' laundry u dry cleaning maghmul matul dawn l-ahhar

sentejn mis-socjeta attrici, liema servizz gie debitament accettat mill-konvenuti; (Dok A);

U premess illi l-konvenuti, jew minn minnhom huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont ta’ tnax-il elf sitt mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm12,624.94);

U premess illi l-konvenuti ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jhallsu dan l-ammont, baqa inadempjenti;

U premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talba ta’ l-istess socjeta attrici;
Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti, jew minn minnhom il-ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwasiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment necessarji u opportuni u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta u in vista tal-affidavit guramentat hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CC 1;

1. Tikkundanna lil-konvenuti jew minn minnhom jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ tnax-il elf sitt mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm12,624.94) liema somma hija dovuta ghal servizz ta’ laundry u dry cleaning maghmul matul dawn l-ahhar sentejn mis-socjeta attrici, liema servizz gie debitament accettat mill-konvenuti;

2. Tikkundanna lill-konvenuti, jew minn minnhom jhallas l-imghax skond il-Ligi mid-data li l-pagament kien dovut skond l-ittra ufficjali datata 14 ta’ Lulju, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew minn minnhom li huwa min issa ngunt sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat ta' tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenuti kollha u tikkundanahom in solidium ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnax-il elf sitt mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm12,624.94), flimkien ma' l-imghax legali kif mitlub, u bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------